

V

(Avviżi)

PROCĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

KUMMISSJONI

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**(Każ COMP/M.5046 — Friesland/Campina)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 155/06)

1. Fit-12 ta' Ġunju 2008, l-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Zuivelcoöperatie Friesland Foods U. A. ("Coöperatie Friesland", the Netherlands) u s-sussudjarja tagħha Koninklijke Friesland Foods NV. ("Friesland", l-Olanda) jidħlu f'amalgamazzjoni sħiħa fl-ambitu tat-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill ma' Zuivelcoöperatie Campina U.A. ("Coöperatie Campina", l-Olanda) u s-sussudjarja tagħha Campina B.V ("Campina", l-Olanda)
2. L-attivitajiet ta' negozju ta' l-impriżi msemmija huma:
 - għall-impriża Friesland: il-ksib u l-ipproċessar ta' ħalib mhux pasturizzat, l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-bejgħ ta' prodotti tal-ħalib u prodotti mhux tal-ħalib għal konsumaturi individwali u għal klijenti industrijali,
 - għall-impriża Campina: il-ksib u l-ipproċessar ta' ħalib mhux pasturizzat, l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-bejgħ ta' prodotti tal-ħalib u prodotti mhux tal-ħalib għal konsumaturi individwali u għal klijenti industrijali.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tikkunsidra li t-tranżazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni aħħarija dwar dan il-punt hija riżervata.
4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jissottomettu lill-Kummissjoni l-kummenti li jista' jkollhom dwar din l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (numru tal-faks (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, bin-numru ta' referenza COMP/M.5046 — Friesland/Campina, fl-indirizz li ġej:

Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussell

(¹) ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.